# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 3 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 30.**
**Citazz. Nru. 1556/00 JRM.**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Mario Buhagiar.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf tliet mija u tmenin lira Maltija (LM1380) rappresentanti import ta' 17 kambjali, wahda ta' LM20 u l-ohrajn ta' LM85 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Marzu 1999 sa Lulju 2000 u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti minn 1 sa 17 konsekuttivament u inklusivament;

Li ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija tikkundanna lill-konvenut:

(1) ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1380.00,0 (elf tlett mija u tmenin liri Maltin) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq; u

(2) l-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 ta' Gunju 2000 jammontaw ghal LM74, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1380.00,0 (elf tlett mija u tmenin liri Maltin) fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq u l-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 ta' Gunju 2000 jammontaw ghal LM74, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenut.

*3 ta' Novembru, 2000.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3, ta' Novembru, 2000.**